# SOMMARJU

## RIFJUT TAS-SETGĦA TA' MONOPOLJU FUQ IS-SAĦĦA GLOBALI PUBBLIKA

Rigward l-emendi proposti ta' l-IHR (2005) u l-ftehim ta' pandemija tal-WHO

Grupp ta' esperti fix-xjenza politika u l-liġi ħejjew document politiku dettaljat, ta' 45 paġna dwar l-emendi proposti għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) u t-trattat/ftehim tal-WHO dwar il-pandemija (WHO CA+). Dan id-dokument politiku joffri ħarsa professjonali dwar l-istrumenti legali proposti. Fih ukoll rendikont storiku ta' dak li mar ħażin matul il-pandemija tal-COVID, jiddeskrivi t-tentattivi li qed isiru biex jiġu stabbilit il-ħsara li sar u li qed jiġi aċċettat bħala norma, u jipprovdi għarfien siewi dwar kif tista tiġi kkoreġuta din il-mixja qabel ma jkun tard wisq. Il-punti ċentrali tad-dokument politiku huma deskritti hawn taħt għall-konvenjenza tiegħek.

Mejju 2023

## Introduzzjoni

Qed iseħħu negozjati biex jespandu b'mod sinifikanti l-kontroll tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) fuq ir-reazzjonijiet u l-ħsieb tas-saħħa pubblika globali permezz ta' (a) emendi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005), u (b) trattat/ftehim rigward il-pandemija (WHO CA+). Iż-żewġ strumenti jistgħu jitqiesu bħala komplementari. Filwaqt li l-emendi tal-IHR sottomessi, jekk jiġu approvati, isaħħu bil-kbir is-setgħat tal-WHO, kif ukoll tad-Direttur Ġenerali tagħha vis-à-vis stati u atturi mhux statali, it-trattat dwar il-pandemija fil-forma attwali tiegħu joħloq qafas ġdid u ta' spiża intensive, burokratika u sopranazzjonali u jimponu qafas ideoloġiku li taħtu joperaw kwistjonijiet ta' saħħa globali.

L-Assemblea Dinjija tas-Saħħa (WHA) stabbiliet skadenza għall Mejju 2024 biex tpoġġi għall-vot l-emendi proposti għall-IHR u t-trattat tal-pandemija. L-emendi għall-IHR huma adottati permezz ta' vot ta' maġġoranza sempliċi mid-delegati fl-Assemblea Dinjija tas-Saħħa mingħajr l-ebda proċeduri ta' ratifika nazzjonali oħra. L-Istati jżommu d-dritt li jagħżlu li ma jipparteċipawx u joħorġu (*opt out*) b'mod individwali fi żmien speċifikat (10 xhur). Jekk ma jagħmlux hekk, il-verżjoni riveduta tapplika għalihom awtomatikament. It-trattat, intant, jeħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi fil-WHA b'ratifika nazzjonali sussegwenti. Madankollu, skont l-Artikolu 35 tal-"abbozz żero" tat-trattat, il-ftehim jista' jidħol fis-seħħ fuq bażi provviżorja qabel il-konklużjoni tal-proċessi tar-ratifika. It-trattat dwar il-pandemija tad-WHO qed jiġi kkunsidrat għall-adozzjoni taħt l-Artikolu 19 (li jirrelata mal-adozzjoni ta' konvenzjonijiet jew ftehimiet) tal-Kostituzzjoni tal-WHO b'konsiderazzjoni addizzjonali tal-adegwatezza tal-Artikolu 21 (li huwa kkonċernat mal-adozzjoni tar-regolamenti).

Uffiċjalment, l-emendi tal-IHR u t-trattat tal-pandemija huma ppreżentati bħala strumenti biex tiżdied il-kollaborazzjoni internazzjonali, il-kondiviżjoni effiċjenti tal-informazzjoni u l-ekwità fil-każ ta' kriżi globali oħra tas-saħħa. *De facto*, jistgħu jinbidlu fi strumenti biex jissostitwixxu l-kollaborazzjoni internazzjonali b'dettati ċentralizzati, biex jinkoraġġixxu t-tfixkil tad-dissens u biex tilleġittimizza kartell li jimponi fuq il-popolazzjonijiet prodotti tas-saħħa mmexxija mill-interessi li jiġġeneraw profitti fuq dawk li jaħdmu aħjar iżda li huma inqas profittabbli.

Għadd mill-emendi tal-IHR (2005) sottomessi, jipprovdu qafas legali għas-setgħa ta' monopolju tal-WHO fuq aspetti tas-saħħa pubblika globali fi żminijiet ta' kriżi attwali u potenzjali. Kieku dawn l-emendi kellhom jiġu approvati, din is-setgħa tkun eżerċitata minn ftit donaturi potenti u primarji tal-WHO li jeżerċitaw kontroll sinifikanti fuq l-organizzazzjoni. Ta' min jinnota f'dan il-kuntest li l-WHO għandha kontroll sħiħ biss fuq madwar kwart tal-baġit tagħha stess. Il-bqija jikkonsisti f'kontribuzzjonijiet volontarji allokati minn finanzjaturi tagħha. Jekk ikun hemm qbil dwarhom, xi wħud mill-emendi tal-IHR (2005) jippermettu lill dawn interessi speċjali, li diġà kkomprometew lill-organizzazzjoni (ara eż. Cohen & Carter 2010) biex jistandardizzaw u jimponu kif l-istati u anke l-atturi mhux statali madwar id-dinja għandhom jirrispondu għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika u kif jindirizzaw varjetà ta' kwistjonijiet ta' saħħa globali b'mod inġenerali.

## Miżuri mandatorji u sovranità tal-Istat

Uħud mill-emendi proposti tall-IHR (2005) jibdlu n-natura tar-rakkomandazzjonijiet temporanji u permanenti msemmija taħt l-Artikoli 15 u 16 u li dawn jistgħu jinħarġu mil-WHO u mid-Direttur Ġenerali tagħha, minn parir mhux vinkolanti għal dawk obbligatorji biex jiġu mplimentati mill-iStati Membri. L-Artikolu 15 tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) jgħid: Jekk "ġie determinat […] li qed isseħħ emerġenza tas-saħħa pubblika ta' tħassib internazzjonali, id-Direttur Ġenerali għandu joħroġ rakkomandazzjonijiet temporanji". L-Artikolu 16 iżid li l-"WHO tista' [ukoll] tagħmel rakkomandazzjonijiet permanenti ta' miżuri xierqa għas-saħħa [...] għal applikazzjoni ta' rutina jew perjodika." Fl-IHR (2005), ir-rakkomandazzjonijiet temporanji maħruġa mid-Direttur Ġenerali u r-rakkomandazzjonijiet permanenti huma definiti bħala pariri mhux vinkolanti li għandhom jiġu kkunsidrati[1].

Għadd mill-emendi proposti ġodda, jekk jiġu adottati, jibdlu n-natura tar-rakkomandazzjonijiet li jistgħu jinħarġu u jagħmluhom obbligatorji u legalment vinkolanti. L-emendi jiksbu dan billi jneħħu frażijiet *li ma jorbotx* mid-definizzjoni ta' termini "*rakkomandazzjonijiet temporanji*" u "*rakkomandazzjonijiet permanenti*" fl-Artikolu 1, filwaqt li fl-istess ħin jiddaħħal mandat biex dawn jiġu esegwiti f'varjetà ta' artikoli sussegwenti. Il-Kumitat ta' Reviżjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa tal-WHO stess jew l-IHRRC fir-rapport tiegħu jinnota li fir-rigward ta' Artikolu l-ġdid 13A huwa propost li: "**Din il-proposta […] tagħmel obbligatorji r-rakkomandazzjonijiet temporanji u permanenti indirizzati taħt l-Artikoli 15 u 16**." (WHO 2023: 55) Fir-rigward tal-Paragrafu 7 tal-artikolu sottomess, il-Kumitat tal-WHO jkompli li "**dawn il-proposti effettivament jagħtu lill-WHO l-awtorità li tagħti struzzjonijiet lill-Istati"** (ibid.: 57). Rigward emenda ssuġġerita għall-Artikolu 42, l-IHRRC jispjega bl-istess mod li: "**L-emenda proposta biex tinkludi referenza għal rakkomandazzjonijiet temporanji u permanenti tidher li tagħmel l-applikazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet obbligatorji**". (ibid.: 67)

Emendi differenti jespandu wkoll b'mod sinifikanti s-setgħat tad-Direttur Ġenerali li jintgħażel fi proċess mhux demokratiku jew trasparenti. Emenda għall-Artikolu 15, pereżempju, tippermetti lid-Direttur Ġenerali li joħroġ rakkomandazzjonijiet mhux biss waqt PHEIC iddikjarat minnu/minna iżda li fis-sitwazzjonijiet kollha li huma vvalutati minnu/minna li għandhom il-potenzjal li jseħħu (WHO 2023a: 15). Żieda għall-Artikolu 42, sadanittant, tiddikjara li miżuri tal-WHO bħala rakkomandazzjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali mhux biss "għandhom jinbdew u jitlestew mingħajr dewmien mill-Istati Membri kollha" iżda li "l-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll miżuri biex jiżguraw li atturi oħra mhux Statali u li joperaw fit-territorji rispettivi tagħhom jkollhom jimxu wkoll ma' dawn il-miżuri" (ibid: 22).

L-Artikolu 18 tal-IHR fih lista mhux eżawrjenti ta' miżuri li l-WHO tista' tgħid lill-Istati Membri biex jimplimentaw permezz tar-rakkomandazzjonijiet fejn jidħlu persuni. Din il-lista tinkludi fost affarijiet oħra: li jintalbu eżamijiet mediċi; li tirrevedi provi ta' eżamijiet mediċi u analiżi tal-laboratorju; li teħtieġ tilqim jew trattamenti oħra; li tirrevedi provi ta' tilqim jew trattamenti oħra; li tpoġġi individwi taħt osservazzjoni tas-saħħa pubblika; li timplimenta kwarantina jew miżuri oħra tas-saħħa u biex timplimenta iżolament jew trattament (cf. WHO 2023a: 17).

L-emendi proposti li jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mil-WHO jew mid-Direttur Ġenerali tagħha **obbligatorji**, jqajmu mistoqsijiet serji dwar **ir-ramifikazzjonijiet tagħhom għas-Sovranità tal-Istat u l-governanza demokratika** li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod urġenti. It-tweġibiet jistgħu jkunu differenti minn nazzjon għall-ieħor. Filwaqt li l-WHO m'għandha l-ebda mekkaniżmu effettiv ta' infurzar fil-konfront ta' pajjiżi sinjuri, l-emendi proposti tal-IHR jistgħu jwasslu għal gvernijiet b'saħħithom f'konformità ma' jew saħansitra wara d-direttivi tal-WHO li jargumentaw li dawn għandhom jiġu mħarsa u infurzati internament minħabba in-natura legali tagħhom vinkolanti taħt strument tal-liġi internazzjonali. Stati nazzjonali b'saħħithom u partijiet privati interessati li jikkonformaw mad-direttivi, kif ukoll mall-WHO nnifisha, jistgħu jkomplu jużaw l-IHR rivedut bħala qafas legali biex jipprovaw jilleġittimizzaw il-kolonjaliżmu tas-saħħa u jagħmlu pressjoni finanzjarja fuq il-pajjiżi bi dħul baxx/fqar biex jikkonformaw – u li b'mod serju jimminaw is-sovranità tagħhom fil-proċess.

[1] Filwaqt li r-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) jifformaw dokument legalment vinkolanti li taħthom l-Istati Membri jaqblu li jissodisfaw obbligi delineat u deskritti fid-dokument, ma jagħtux setgħa lil-WHO u lanqas lid-Direttur Ġenerali tagħha biex toħroġ/joħroġ obbligi kif meħtieġ għal sitwazzjonijiet emerġenti. Minflok, il-WHO u d-Direttur Ġenerali tagħha f'tali sitwazzjonijiet jistgħu, skont l-IHR (2005), joħorġu biss rakkomandazzjonijiet li ma jorbtux.

## Il-ġlieda kontra d-dissens globali

Kemm l-emendi introdotti tal-IHR (2005) kif ukoll l-abbozz ta' trattat/ftehim dwar il-pandemija jinkoraġġixxu kollaborazzjoni globali sistematika biex tiġi miġġielda d-dissens mill-pożizzjonijiet miżmuma mill-gvernijiet u l-WHO – li hija aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti (UN) – biex b'hekk tiġi mħeġġa setgħa kkonċentrata fuq l-informazzjoni. Melissa Fleming, Deputat Segretarju Ġenerali tan-UN, iddikjarat it-twemmin li ġej f'laqgħa tal-Forum Ekonomiku Dinji tal-2022 (2022: 1) f'Davos: "*Aħna s-sidien tax-xjenza u naħsbu li d-dinja għandha tkun tafha*."

L-abbozz ta' trattat/ftehim dwar il-pandemija jinkoraġġixxi l-Istati Membri kollha – li jinkludu dawk demokratiċi, awtoritarji u dittatorjali – biex jidentifikaw *profili* ta' dak li hu pperċepit bħala misinformazzjoni mill-WHO jew mill-Istati Membri u biex tiġi ndirizzata kull informazzjoni u opinjoni/jiet li jmorru lill hinn mil-linja uffiċjali. L-IHRRC tal-WHO saħansitra tissuġġerixxi li l-WHO jista' jkollha obbligu "li tivverifika informazzjoni li ġejja minn sorsi oħra minbarra l-Istati Membri" (WHO 2023: 21). **Tistqarr ukoll li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem bħal-libertà tal-kelma u l-libertà tal-istampa jeħtieġ li jkunu bilanċjati ma' dak li l-WHO u l-gvernijiet jipproklamaw li hija informazzjoni preċiża f'kull mument partikolari** (cf. ibid.: 21). Din in-narrattiva hija perikoluża, anti-demokratika u bill-kontra preċiż ta' dak li kellu jiġri abbażi tal-lezzjonijiet meħuda waqt il-COVID.

Khosla & McCoy (2022: 1–2) jispjegaw fil-Ġurnal Mediku Brittaniku li: "Tolleranza ta' dissens ma timmarkax biss l-abbiltà li tisfida u żżomm lill-gvernijiet (u atturi b'saħħithom oħra) responsabbli u r-rieda li jirrispettaw il-fehmiet tal-minoranza, imma hija tinkoraġġixxi dibattitu u deliberazzjoni fis-soċjetà b'modi li jmexxu bidla u żvilupp soċjali pożittivi. Id-dissens jista' jgħin biex tiġi informata l-opinjoni pubblika, tibdel il-politika, tħaffef ir-riforma u tippromwovi u tipproteġi drittijiet oħra tal-bniedem. Id-dissens kien ċentrali għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa u t-treġġigħ lura tal-oppressjoni etnika u razzjali kif kien sar mill-moviment tad-drittijiet ċivili fl-Istati Uniti u l-ġlieda kontra l-*apartheid* fl-Afrika t'Isfel. Kien ingredjent kritiku f'ħafna kampanji ta' suċċess immirati biex jipproteġu l-ambjent naturali mill-ħsara u l-qerda. U fil-qasam tas-saħħa, id-dissens kellu rwol importanti fl-avvanz tal-aċċess għat-trattament tall-pandemija tal-HIV. […] Id-dritt għal dissens għandu jiġi rispettat u meqjus bħala espressjoni b'saħħitha tad-demokrazija u l-libertà, u konxjament irridu nistinkaw biex kontinwament nħarsu u nipproteġu dan id-dritt. […] Importanti, il-vuċijiet tal-professjonisti tas-saħħa huma […] kruċjali biex jiġi żgurat li l-miżuri tal-kontroll tal-pandemija ma jiġux abbużati bħala skuża biex jitrażżnu aktar id-drittijiet tal-bniedem, jiġu arrestati ġurnalisti u attivisti jew jiġu introdotti liġijiet drakonjani biex jiġu miġġielda l-'aħbarijiet foloz'. […] Dawk li jaħdmu fl-ispazju tas-saħħa globali għandhom ir-rwol kritiku x'jaqdu fil-protezzjoni, il-preservazzjoni u l-avvanz tal-ħsieb kritiku. Hekk kif niffaċċjaw sfidi bla preċedent, huwa aktar importanti minn qatt qabel li nibqgħu sodi u niddefendu dawn il-prinċipji bażiċi tad-drittijiet tal-bniedem."

## Sorveljanza: ċertifikati tas-saħħa (diġitali) u formoli ta' traċċament

Emendi addizzjonali għall-IHR (2005) jipprevedu sistema ta' sorveljanza estiża b'ċertifikati tas-saħħa (preferibbilment diġitali) u formoli ta' traċċament biex jiżguraw konformità tal-massa mad-direttivi ċentralizzati. L-emendi li jikkonċernaw l-użu ta' ċertifikati tas-saħħa (diġitali) jew formoli ta' traċċament għall-kontroll u s-sorveljanza ma ġewx biss proposti fir-rigward tal-artikoli relatati ma' emerġenzi tas-saħħa internazzjonali iżda wkoll fir-rigward tal-Artikolu 23 li jitratta miżuri ġenerali tas-saħħa mal-wasla kif ukoll mat-tluq (minn Stat Membru). Skont l-IHRRC tal-WHO, dan l-artikolu <u>japplika għas-sitwazzjonijiet kollha</u>, mhux biss għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika li hi ta' tħassib internazzjonali (PHEICs).

L-emendi sottomessi għall-Artikolu 23, pereżempju, jinkludu "paragrafu propost ġdid [numru] 6 [li] jintroduċi referenza speċifika għall-formoli tat-traċċament tal-passiġġieri bħala parti mid-dokumenti li jistgħu jkunu meħtieġa, u preferenza li dawn ikunu f'format diġitali" (WHO 2023: 61). Emenda oħra tissuġġerixxi li tiġi inkluża informazzjoni dwar testijiet tal-laboratorju fid-dokumenti tas-saħħa tal-vjaġġaturi. L-IHRRC jirnexxielu jinnota: "**La darba li l-Artikolu 23 japplika għas-sitwazzjonijiet kollha, mhux biss għall-PHEICs, il-Kumitat huwa mħasseb li tali rekwiżit jista' jgħabbi żżejjed lill-vjaġġaturi, u jista' saħansitra jqajjem tħassib etiku u dak relatat ma' diskriminazzjoni**." (ibid.: 62) B'mod ġenerali, l-IHRRC tirrikonoxxi wkoll tħassib dwar "il-livell xieraq ta' protezzjoni għall-informazzjoni personali" (ibid.: 66).

Kif spjegat mill-ministru tas-saħħa Indoneżjan Sadikin waqt is-Summit tal-G20 f'Bali f'Novembru 2022, l-introduzzjoni taċ-ċertifikati tas-saħħa diġitali globali tikkostitwixxi għan ewlieni fir-reviżjoni tal-IHR (2005). L-Indoneżja stess diġà bdiet timplimenta ċertifikati tas-saħħa diġitali obbligatorji billi tuża “app” li tista' titniżżel permezz ta' Android u Apple. Il-pajjiż jipprovdi eżempju ta’ kif iċ-ċertifikati globali tas-saħħa diġitali, jekk jiġu adottati permezz tal-emendi tal-IHR, jistgħu jiġu abbużati minn dawk fil-poter biex iġiegħel lin-nies, inklużi t-tfal, jirċievu trattamenti mediċi, biex jirrestrinġu l-moviment tagħhom, biex iġġiegħel l-użu personali ta’ ċerti “apps” diġitali u biex b'hekk timmina l-informazzjoni privata (tas-saħħa).

## Drittijiet ta' kartell u regolamentazzjoni

Għadd ta’ emendi tal-IHR (2005), jekk jiġu approvati, **jgħaddu s-setgħa fuq l-identifikazzjoni, il-produzzjoni u l-allokazzjoni tal-prodotti tas-saħħa lil-WHO taħt ċirkustanzi speċifiċi** (cf. WHO 2023a: 13–14), **li effettivament jibdluha f’kartell**. Taħt l-IHR riveduta, il-WHO tista’, pereżempju, tgħid lill-Istati Membri biex jagħmlu żieda fil-produzzjoni ta’ ċertu farmaċewtiċi– li jagħtu spinta lill-profitti tal-manifattur u/jew l-azzjonisti li jista’ jkollhom relazzjonijiet mal-WHO – biex il-WHO imbagħad tqassam kif jidrilha, tibni sistema ta’ patroċinju fuq ir-riċevituri. Emenda ssuġġerita oħra tara wkoll rwol għal-WHO fil-ħolqien ta' "*linji gwida regolatorji għall-approvazzjoni mgħaġġla ta' prodotti tas-saħħa ta' ċerta kwalità*" (WHO 2023: 14).

L-infrastruttura meħtieġa biex jiġu mplimentati l-emendi relatati mal-mekkaniżmu ta' allokazzjoni tal-WHO tkun stabbilita permezz tat-trattat jew ftehim kumplimentari dwar il-pandemija. Jekk jiġi adottat, dan tal-aħħar iwaqqaf in-Netwerk Globali tal-Katina tal-Provvista u l-Loġistika tal-WHO (magħruf ukoll bħala The Network).

## Appoġġ għar-riċerka dwar il-gwadann ta’ funzjoni

L-abbozz ta’ trattat/ftehim dwar il-pandemija, b’mod partikolari, għandu aktar implikazzjonijiet negattivi għas-sigurtà globali (tas-saħħa) peress li jappoġġa riċerka dwar il-gwadann ta’ funzjoni minkejja l-perikli eċċezzjonali tiegħu għall-bijosikurezza (dwar dawn il-perikli ara eż. Kahn 2023). L-abbozz ta’ trattat jiddikjara li meta niġu għal “laboratorji u faċilitajiet ta’ riċerka li jwettqu xogħol biex jibdlu organiżmi b’mod ġenetiku u li b’hekk iżidu l-patoġeniċità u t-trasmissjoni tagħhom” għandhom jiġu osservati ċerti miżuri sabiex “jipprevjenu r-rilaxx aċċidentali ta’ dawn il-patoġeni” iżda li huwa jeħtieġ li jiġi żgurat li "dawn il-miżuri ma joħolqu l-ebda ostaklu amministrattiv bla bżonn għar-riċerka" (WHO 2023b: 16). Minħabba it-tnixxija mill-laboratorju ta' virus mibdul mill-bniedem, li x'aktarx kien responsabbli għall-kriżi tal-COVID, it-trattat pandemiku propost jiżvela disprezz inkwetanti għad-devastazzjoni eċċezzjonali li tista 'tiġi kkawżata minħabba perikli ta' bijosikurezza assoċjati ma 'riċerka ta' gwadann ta’ funzjoni b'patoġeni potenzjalment pandemiċi. Id-dinja tista’ tara l-ħarba jew ir-rilaxx ta’ virus mfassal b’mod sinifikanti aktar fatali minn SARS-CoV-2.

## Konklużjoni

Għadd mill-emendi proposti tal-IHR u t-trattat dwar il-pandemija (WHO CA+) – jekk ikun hemm qbil dwarhom – inevitabbilment se jintużaw biex javvanzaw l-interessi ta’ ftit atturi b’saħħithom għad-detriment ta’ oħrajn. Dawn jirrappreżentaw tentattiv bla preċedent biex tiġi legalizzata l-konċentrazzjoni ta' poter mhux demokratiku taħt pretenzjoni falza li teħtieġ reazzjoni rapida, effettiva u robusta. Uħud mill-emendi proposti tal-IHR (2005), b'mod partikolari, jirrappreżentaw qafas għall-eżerċizzju illeġittimu tal-poter governattiv globali mingħajr qbil popolari, mekkaniżmi ta' kontroll kostituzzjonali jew ta’ kontabilità. Bħala tali, joħolqu preċedent perikoluż jekk dawn jgħaddu.

Il-qafas legali previst għas-setgħa ta’ monopolju fuq aspetti tas-saħħa pubblika globali mhux se jwassal għal tħejjija aħjar għall-pandemija iżda għal ripetizzjoni ta’ wħud mill-agħar deċiżjonijiet meħuda matul il-pandemija tal-COVID f’każ ta’ emerġenza futura. Il-qafas legali previst għall-poter ta’ monopolju fuq aspetti tas-saħħa pubblika globali mhuwiex sinjal ta’ progress iżda jirrappreżenta ritorn lura fl-iżvilupp uman għal żminijiet ta’ imperi ċentralizzati, sistemi fewdali u kolonjalisti.

Huwa stabbilit sew li s-setgħa ta' monopolju telimina l-għażla ħielsa u l-kompetizzjoni, u b'hekk tikser id-drittijiet individwali filwaqt li tnaqqas b'mod drammatiku l-kwalità tas-soluzzjonijiet u l-innovazzjoni. Ftit hemm oqsma fejn dan għandu konsegwenzi koroh bħal fil-qasam tas-saħħa tal-bniedem. Il-konċentrazzjoni bla bżonn tal-poter tippreżenta wkoll theddida għas-sistemi demokratiċi u d-dritt tan-nies għall-awtonomija. Id-demokraziji jiġu ppreservati billi tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' poter

ikkonċentrat u billi jitkissru l-monopolji filwaqt li fl-istess ħin jiġu salvagwardjati l-valuri ċentrali demokratiċi essenzjali.

### Referenzi


COHEN, D., & CARTER, P. (2010). WHO and the pandemic flu "conspiracies". *British Medical Journal (BMJ)*; 340 :c2912 doi:10.1136/bmj.c2912.

KAHN, Laura H. (2023). The Seven Deadly Sins of Biomedical Research. *Georgetown Journal of International Affairs*. https://gjia.georgetown.edu/2023/03/03/the-seven-deadly-sins-of-biomedical-research/.

KHOSLA, R., & MCCOY, D. (2022). Dissent and the right to protest in context of global health. BMJ Global Health 2022; 7:e011540. doi:10.1136/ bmjgh-2022-011540.

WHO (2023). Report of the Review Committee regarding amendments to the International Health Regulations (2005). https://apps.who.int/gb/wgihr/pdf_files/wgihr2/A_WGIHR2_5-en.pdf.

WHO (2023a). Article-by-Article compilation of proposed amendments to the International Health Regulations (2005) submitted in accordance with decision WHA75(9) (2022). https://apps.who.int/gb/wgihr/pdf_files/wgihr2/A_WGIHR2_7-en.pdf.

WHO (2023b). Zero draft of the WHO CA+ for the consideration of the Intergovernmental Negotiating Body at its fourth meeting. https://apps.who.int/gb/inb/pdf_files/inb4/A_INB4_3-en.pdf.

WORLD ECONOMIC FORUM (2022). Sustainable Development Impact Meetings 2022. Tackling Disinformation. https://www.weforum.org/events/sustainable-development-impact-meetings-2022/sessions/tackling-disinformation.


## *ĊAĦDA GĦALL-POTER MONOPOLISTIKU FUQ IS-SAĦĦA GLOBALI PUBBLIKA*


***Kuntatt: policy@worldcouncilforhealth.org***


World Council For Health POLICY